

It-Trinità Qaddisa

# Aħbar Tajba

Prov 8, 22-31
Salm 8, 4-5.6-7.8-9
Rum 5, 1-5
Ġw 16, 12-15

"Baqagħli ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom. **Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha."**

Illum qed niċċelebraw festa mill-isbaħ imma wkoll waħda li qallbet ħafna u ħafna mħuħ. Fost dawn hemm Santu Wistin ta' Ippona, li xi żmien qabel ma kkonverta għall-fidi Nisranija, ried jifhem kif jista' jkun tliet persuni jkunu Alla wieħed. Darba kien miexi ħdejn ix-xatt u jara daqsxejn ta' tifel li bil-mod il-mod kien qed jipprova jimla ħofra żgħira fir-ramel bl-ilma.

Wistin mar ħdejh jistaqsih x'kien qed jagħmel. It-tifel wieġeb li kien se jimla dik il-ħofra bil-baħar. Wistin b'nofs tibissima għas-sempliċità tat-tifel ipprova jfehmu li l-baħar qatt ma kien se joqgħod f'dik id-daqsxejn ta' ħofra.

L-istorja tkompli li dak it-tifel dar lejh u qallu li bħalma l-ħofra mhux se tesa' l-kobor tal-baħar anqas moħħ ta' bniedem, intelliġenti kemm ikun intelliġenti, ma seta' qatt jifhem il-kobor kbir ta' Alla. Santu Wistin fehem li dak kien messaġġ mingħand Alla u li ma setax jistenna li jifhem lil Alla għax hu kbir wisq għall-ħsieb tagħna. Imma Santu Wistin se jiskopri xi ħaġa ferm akbar, għalkemm Alla hu tant kbir u lil hinn minn dak li nistgħu nifhmu, l-imħabba tiegħu għall-bniedem m'għandix limiti.

Il-festa tal-lum tiċċelebra din il-verità – li Alla hu mħabba, u li din l-imħabba Alla jrid jaqsamha magħna l-bnedmin. Fl-Evanġelju tal-lum smajna lil Ġesù jgħid lill-appostli li għad fadal ħafna affarijiet li ma qalilhomx imma ma kinux jifilħu għalihom. Imma Ġesù ma jiqafx hemm għax iwegħedhom li se jibagħtilhom l-Ispirtu s-Santu biex iwassalhom għall-verità kollha.

Imma l-verità li se jwassalna għaliha l-Ispirtu s-Santu mhix waħda tal-moħħ, qisu Alla kien xi problema tal-matematika. L-Ispirtu s-Santu se jgħinna naraw lil Alla jaħdem f'ħajjitna, meta jlaqqagħna ma' xi ħadd li bi kliemu jew għemilu jgħinna. Xi ħadd li jgħidilna kelma ta' ġid, jew li jiġbdilna l-attenzjoni biex inkunu aħjar. Xi ħadd li jispirana biex nagħmlu l-ġid jew inkella xi ħadd li fi żmien diffiċli jgħinek ma tħossokx waħdek. Dawn kollha huma Alla li jibagħtilna 'l dawk li l-aktar ikollna bżonn f'ħajjitna. Imma rridu nindunaw bihom! Faċli li xi ħadd jgħidilna kelma tajba u ma nagħtux kasu. Jew niltaqgħu ma' xi ħadd li jrid jgħinna u ma naċċettawhx.

Għalhekk ejjew noqogħdu attenti biex ma jiġrix li Alla jkun magħna u aħna ma nindunawx.

**Sib il-Kelma**

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib għaxar kelmiet moħbija marbuta mal-Ewwel Qari mill-Ktieb tal-Proverbji (8, 22-31). Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

DINJA, IBĦRA, GĦEJUN, MUNTANJI, GĦOLJIET,
ART, SMEWWIET, NIXXIGĦAT, ULIED, BNEDMIN.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | I | D | I | Ġ | E | N | N | A | K |
| I | B | N | E | D | M | I | N | GĦ | W |
| A | Ħ | R | GĦ | A | B | X | E | O | IE |
| D | R | S | E | L | U | X | IE | L | K |
| P | A | S | J | R | D | I | N | J | A |
| F | E | V | U | B | N | GĦ | P | IE | R |
| T | R | O | N | M | I | A | R | T | V |
| S | M | E | W | W | IE | T | L | P | Ċ |
| M | U | N | T | A | N | J | I | Ż | X |
| T | A | GĦ | N | A | L | U | L | IE | D |



## Is-Sinjal tas-Salib

Agħti l-kulur lil Jeremy li qiegħed jurina kif inroddu s-Salib.





FL-ISEM TAL-MISSIER



U TAL-IBEN



U TAL-ISPIRTU...



S-SANTU.



AMMEN.

## Talba ta' San Alkwin

Il-festa tal-lum tfakkarna li Alla qiegħed dejjem hemm għalina. Bħall-agħma ta' Ġeriko kulma jkun hemm bżonn hu li nagħmlu l-qalb u nitolbu. San Alkwin ta' York għandu din it-talba sabiħa li nistgħu nagħmluha t-talba tagħna.

Ġesù, bin David,
ikollok ħniena minni
dawwalli għajnejja
sabiex insib it-triq
li twassal għandek.
Agħmel il-passi tiegħi sodi
ħalli ma nitlef qatt triqti.
Iftaħli fommi biex
inkun nista' nkellmek.
Int trid li jien
naqdi lil dawk li huma
l-proxxmu tiegħi;
għinni sabiex naqdihom sew
ħalli jaslu għas-salvazzjoni
u jidħlu fil-glorja tiegħek.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.







**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!
ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre    YOUTHEME FOUNDATION